# ANGLU TAHT SURA OHRA

Il-festi tal-Milied ma kienux dawk li kienu fl-imghoddi jew kellhom xi tifsira, fil-familja Wilson. Meta miet il-misser il-folja fid-dar inqalbet ta' taht fuq. Fil-villagg kien hemm min jghid li jum wiehed harab u deherx izjed, u xnighat ohra kienu jghidu li qatluh ghax kellu wisq dejn fuq il-loghob, li ma setghax ihallas. Kienet x'kienet ir-raguni l-hajja tbiddlet ghal kollox fil-familja Wilson.

L-ghazz, il-vizzju u n-nuqqas ta' kontroll hallew l-effett mizeru taghhom fuq l-ulied, u l-omm kienet stenduta kiesha u mejta quddiem il-povri tlett uliedha. Kienet waqghet fuq it-targa ta' darha meta kienet diehla gewwa f'sakra ma tarax art, ftit qabel il-Milied.

Din il-mara kienet mixlija minn kwazi kull ragel u mara fil-villagg. Imma issa li l-ahbar tal-mewt taghha griet minn fomm ghall-fomm, it-ton imbidel minn wiehed ta' rabja ghal wiehed u hasra.

Ix-xghir tat-tfal, meta raw lil ommhom mejta quddiemhom gieghel lill-girien kollha jmorru jaghtu l-ghajjut. Xi whud marru bil-hwejjeg ghall-kefen, ohrajn b'xi ikel ghat-tfal nofshom bil-guh. John kien l-akbar wiehed, tifel imfarfar u robust ta' tnax-il sena li kull tant kien imur jghin lill-bidwi Mr. Jacobs fl-ghelieqi tieghu biex jaqla' xi haga ghall-familja, imma li l-omm kienet tohodlu malli jirfes l-ghatba tal-bieb biex bihom tmur tixrob u tisker. Katie li kellha bejn ghaxra u hdax-il sena

kienet tfajla intelligenti u fuq taghha li setghet tohrog mara bil-ghaqal kieku xi hadd kien imexxiha fit-triq it-tajba. Imma l-izghar, Maggie kienet tifla marida. Sentejn qabel kienet waqghet minn tieqa u wegghet ix-xewka ta' darha u kellha toqghod dejjem fis-sodda, hlief meta ommha kienet terfghaha.

"X'ser naghmlu bit-tfal?" Dik kienet il-mistoqsija principali u pertinenti ghal dak il-hin. L-omm mejta kienet destinata biex tmur fil-qabar u tintnesa' minn nies tal-villagg. Imma t-tfal ma setghux jithallew imutu bil-guh. Wara li qaghad jahseb fuq din il-problema u tkellem ma' martu, il-bidwi Jacobs qal li kien ser jiehu lil John taht is-saqaf tieghu u jrabbih sew, issa li ma kienx ser ikun hemm aktar indhil mill-omm. U Mrs Ellis li kienet ilha tahseb biex ikollha min jghinha fit-tmexxija tad-dar, hasbitha li jkun att ta' karita' li tiehu taht il-harsien taghha lil Katie, minkejja li kienet ghadha zghira fl-eta'.

"Nista' nghinha u nedukaha biex tkun adulta responsabbli, avvolja naf li jkolli nithabat biha, billi hija tifla ndixxiplinata u mdorrija li taghmel u tiehu dak li trid," qalet Mrs. Ellis.

Imma hadd ma qal, "Ok, jiena niehu lil Maggie.". Il-harsa taghhom kienet wahda ta' moghdrija u hsibijiet bdew itaqqlulhom lil mohhom. Xi ommijiet kienu gabu maghhom hwejjeg imwarrbin, izda puliti u nodfa u libbsuha nadif. L-ghajnejn taghha mimlija dieqa messew il-qlub u anke sahansitra habbtulhom biex idahhahluha. Izda min ried tifla li hajjitha kellha tqattaghha fis-sodda?

“Huduha f’istitut,” qal ragel b’vuci goffa, “ Hadd ma hu ser jithabat biha.”

“L-orfanatrofju huwa post ta’ swied il-qalb ghal tifla marida,” wiegeb xi hadd iehor.

“Ghat-tifel tieghek jew tieghi,” qal iehor b’lehen baxx,” imma ghal din ikun barka. Xejn xejn tinzamm nadifa, ikollha ikel tajjeb u nutrienti u jiehdu hsieb sahhitha li tant tehtieg.”

L-ghada ta’ dan kollu, kien jum id-difna. Xi girien marru fid-dar, imma hadd ma akkumpanja lill-mejta sal qabar. Wara li hareg it-tebut, Mr Jacobs, il-bidwi ha lil John u bil-karru saq lejn id-dar tieghu. Mrs. Ellis daret fuq Katie u qaltilha: “ Isa sellem lil ohtok” u gibditha minn idejha biex tohrogha ‘l barra. Bilkemm tatha cans titghannaq maghha. Il-bqija tal-girien hargu mghaggla ‘l barra filwaqt li taw harsa ta’ malajr lil Maggie.  Joe Thompson il-haddied qal lil martu Jane: “Hija haga krudili li thalliha, hekk wahedha.”

“Allura hudha fl-istitut. L-unika soluzzjoni. Hemm postha u hemm tmur,” tenniet il-mara tal-haddied filwaqt li telqet u halliet lil Joe warajha.

Ghal ftit tal-hin Joe hassu mhawwad. U rega’ dahal fid-dar. Maggie bi sforz batut qamet wieqfa u bilqieghda fuq is-sodda, b’ghajnejha ffissati fuq il-bieb li minnu kulhadd kien hareg. Trieghexet bil-biza’.

“Oh Mr. Thompson,” ghajtet filwaqt li hadet nifs ‘l gewwa,” thallinix wahdi hawn hekk.” Minkejja li kien ragel goff, Joe

Thompson, il-haddied kellu qalb tenera li taf thoss quddiem it-tbatija.

"Le, ghaziza ckejkna tieghi," wegibha b'vuci gentili. " ma'nhiex ser inhallik wahdek." Imbaghad qabad lizar nadif li kienu gabu xi uhud mill-girien, kebbibha fih, refaghha f'dirghajh ta' sahha kbira u mexa' biha mill-ghalqa li kienet tifred id-dar fqajra taghhom minn daru.

Mart Joe Thompson li ma kellhiex tfal, ma kienitx mara li taf tissagrifika ruhha ghall-gid ta' haddiehor u Joe kellu raguni bizzejjed jahseb fuq il-mod kif kienet ser tilqghu meta jasal. Jane, meta ratu mit-tieqa riesaq lejn id-dar, harget fuq it-targa tal-bieb hekk kif ir-ragel taghha fetah ix-xatba. Kien qed igorr toqol prezzjuz u kien diga qed iqisha bhala bintu.

"X'ghandek hemm?" staqsietu b'ton iebes martu wieqfa  dritta dritta u b'idejha marbutin,

Dak il-hin hass lit-tifla titrieghed bil-biza' ghal dak it-ton, imma hu wegibha biss b'harsa li kienet tfisser " Stenna ftit u naghtik spjega u kun gentili". U waqt li ghadda minn quddiem martu baqa' diehel b'Maggie fil-kamra ta' l-ewwel sular u poggiha fuq is-sodda. Imbaghad ghalaq il-bieb u gie wicc imbwicc ma' martu wiccha lewn il-hall bir-rabja.

"Ma gibtx id-dar lil dik in-nofs kedda, hux?" Ir-rabja u qilla kienu jidhru fit-ton ta' kif indirizzat lil zewgha. Wiccha kien fjamma nar.

“Kultant il-qlub tan-nisa huma iebsa hafna,” qalilha Joe. Generalment Joe dejjem zgicca minn quddiem martu jew zamm silenzju rigidu biex jevita argumenti meta martu kienet tizbel fuq xi suggett; imma issa kienet sorpriza ghaliha li quddiemha kellha wicc serju ta’ zewgha resolut f’fehemtu.

“Qlub in-nisa ma humiex daqs nofs l-ebusija tal-qlub ta’ l-irgiel!”

Joe induna li l-posizzjoni resoluta li ha mpressjonat lil martu u wegibha malajr u b’rabja: “ Hu x’inhu, kull mara fil-funeral dawret wiccha minn fuq it-tifla marida u meta l-karru ha lil ommha kollha telqu ‘l barra u hallewha wahedha f’dik id-dar.”

“Fejn kienu John u Kate?” staqsietu martu.

“Mr Jones rikkeb lit-tifel fuq il-karru u telaq. Katie marret id-dar ma’ Mrs Ellis u hadd, nerga’ nghidlek, hadd, ma mpurtah mic-ckejckna marida. Ibghatuha fl-istitut kienet l-ghajta.”

“Ghaliex ma hallejtiex tmur, allura. Ghaliex gibtha hawn?”

“Ma tistax timxi ghal istitut,” qalilha Joe, “ xi hadd b’dirghajn ta’ sahha ried igorrha u tieghi ghandhom sahha bizzejjed ghal dik il-bicca xoghol.”

“Mela allura ghaliex waqaft hawn u ma bqajtx sejjer biha?,”riedet tkun taf martu.

“ Ghaliex jiena ma inhix iblah. L-ewwel iridu jkunu jafu d-diretturi ta’ l-istitut, imbaghad isiru l-karti mecessarji biex it-tifla tkun tista’ tidhol hemm gew. Fhimtni issa?”

Ma kienx hemm argumenti aktar.

“Allura meta fi hsiebek tmur ghand id-diretturi ta’ l-istitut?” staqsietu martu anzjuza biex tkun taf meta ser tehles mill-problema li gietha f’hogorha.

“Ghada”

“Imma ghaliex ghada? U mhux illum. Ghaliex dak li ghandek taghmel ghada ma taghmlux illum?”

"Jane,” qalilha zewgha Joe b’ton li kkonvinca lil martu. “Jiena qrajt fil-Bibbja meta Gesu’ gabar mieghu t-tfal u canfar lil Appostli talli ppruvaw ikeccuhom. Huwa gabarhom hdejh u berikom. Darba ohra qal li min jaghtihom tazza ilma  kiesha ma jitlifx il-hlas ta’ l-opra tajba tieghu. Issa hija haga zghira ghalina li nzommu lil din it-tifla ghal lejla wahda biss. Ghal ta’ l-anqas naghmluha hajjitha komda ghal lejla wahda.”

Joe dawwar wiccu biex ma jurix id-demghat li gelbnu ma’ haddejh. Martu baqghet siekta imma sentiment ta’ hniena fera’ lil qalbha.

“Hares lejha u kellimiha gentilment,” talabha Joe. “Ahseb ftit f’ommha mejta u fid-dieqa, l-ugigh, u s-sofferenza li ser jibqghu jigru warajha hajjitha kollha.”

Martu ma wegbitux u bil-kwiet kollu dahlet fil-kamra fejn Joe qieghed lil Maggie. Induna li l-attegjament ta’ martu kien imbidel xi ftit u ra li jkun ghaqli li jhallieha wahedha mat-tifla. Mar fil-hanut jkompli jahdem sa ma dalam. Ghalaq il-



hanut u telaq lejn daru. L-ewwel haga li laqtitu kien dawl jixghel fil-kamra ta' Maggie. Resaq lejn it-tieqa u ttawwal. Id-dalma ta' barra hbietu u kien cert li ma setghax ikun osservat. Hemm ra lil Maggie bilqieghda fuq is-sodda u martu hdejha, titkellem maghha. Minn wicc martu seta' jobsor x'kienu qed jithaddtu. Wicc Maggie deher ferhan nieqes mit-tbatija u dwejjaq. Ha nifs 'l gewwa bhallikieku strah minn piz tqil u kbir.

Meta dahal gewwa ma marx fil-kamra fejn kienet Maggie. Il-hoss tal-bieb jinghalaq gieghel lil martu tohrog mill-kamra biex taghtih jiekol. "Ic-cena lesta u nistghu nibdew." Lehinha ma kienx juri rabja.

"Dalwaqt gej," qalilha Joe," halli mmur nahsel idejja."

Joe ra li l-ahjar haga tkun li ma jsemmix is-suggett tat-tifla.

Wara li kiel dahal fil-kamra tas-sodda fejn Maggie. Harset lejh b'harsa ta' hniena.

“Mela ismek hu Maggie, hux hekk”? staqsiha Joe kekk kif qaghad bil-qieghda fuq is-sodda hdejha.

“Iva,” wegbitu Maggie.

“Ilek xejn marida?”

“Ili ftit mhux hazin.”

“ U t-tabib kien jigi jarak?”

“Gie li kien jigi, imma issa ma ghadux.”

“Bhalissa qed thossu l-ugigh?”

“Xi kultant, imma mhux issa.”

“Meta l-ahhar li kellek l-ugigh?”

“Filghodu, gembejja kien jugghani u anke dahri meta erfajtni.”

“Twegga’ meta xi hadd jerfghek jew igorrok?”

“Iva.”

“Hafna?”

“Iva, imma minn meta poggejtni fuq din is-sodda ratba l-ugigh waqaf.”

“Is-sodda ratba hija tajba ghalik.”

“Iva tajba u tajba hafna.” Lehenha kien wiehed ta’ radd il-hajr.

“Halli ingiblek ftit ta’ l-ikel. Nahseb li issa qabdek ftit tal-guh. Mhux hekk, Maggie?”

-----------------

Joe u martu qaghdu bil-qieghda kif kienu jaghmlu kull lejla hdejn ic-cumnija ghas-shana tan-nar jaqbad bati. It-tnejn kienu siekta, meta fl-ahhar kisret is-skiet martu: " X'bi hsiebek taghmel bit-tifla?"

"Hsibt li fhimtni meta ghidtlek li dik it-tifla hija destinata ghal istitut, " qalilha Joe bhallikieku kien sorpriz bil-mistoqsija taghha.

Rega' waqa' is-skiet, u Jane harget mill-kamra u hadet tazza halib shun u zewg krustini lil Maggie. "Tajbin?" qalitlha Mrs. Thompson meta lemhitha tiekolhom bil-qalb u bil-mod biex itemghhom.

"Hafna qatt ma doqt bhalhom," wegbitha Maggie b'harsa ta' gratitudni li qajmet fil-mara sentiment ta' imhabba bhal ta' omm lejn bintha. Wara mill-gdid dahlet fil-kcina biex taghmel stanjana zghira bil-kafe ghaliha u ghal zewgha,

"Ara inzommuha xi jumejn ohra maghna, tant hija dghajfa f'sahhitha," qalet martu ghar-rimarka li ghaddha zewgha meta ikkwota mill-Bibbja. Kien impressjonaha hafna dak il-kliem

"Halli nghidlek, ser ikollok it-tahbit biha," qalilha Joe.

"Ma jimpurtax ghall-gurnata jew tnejn. Povra tifla."

Joe ma marx ghand id-diretturi tal-Istitut dak il-jum u anqas l-ghada jew l-jum ta' wara. Infatti qatt ma mar jarahom jew ikellimhom fuq Maggie ghaliex f'inqas minn gimgha martu biddlet il-hsieb taghha li tibghat lil Maggie fl-Istitut.

X’dawl u barka gabet dik it-tifla marida u dghajfa fid-dar ta’ Joe Thompson il-haddied. Darhom kienet mudlama u kiesha u mizerabbli ghal zmien twil hafna ghaliex martu ma kelliex ma’ min taqsam imhabbitha u kienet saret nervuza u tisbel ghal kull haga ta’ xejn.

Issa dik il-hlewwa ta’ tifla marida li accettat imhabbitha, il-pacenzja u l-gratitudni taghha kienet il-mimmi ta’ ghajnejha. Joe, ir-ragel taghha, ma kienx hemm ragel fil-villagg li kien ferhan daqsu. Ghax ahjar tati milli tircievi, ghax ahjar thobb milli tkun mahbub.

Anglu dahal fid-dar taghhom liebes ta’ tifla marida u bla sahha u mela’ il-kmamar mudlama u bla hajja, bix-xemx ta’ l-imhabba.